# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum, 15 ta' Marzu, 2002**

**Appell Nru 215/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ronald Grima u**
**Giovanna sive Jane Gatt**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ronald Grima u Giovanna sive Jane Gatt talli:

**(1)** f'tas-Sliema, fit-13 ta' Settembru 1997 f'xi hin wara nofs in-nhar ikkommettew serq ta' zewg *wallets* kontenenti diversi oggetti u ghoxrin lira flus kontanti ghad-dannu ta' Deborah Schembri u Vanessa Azzopardi;
**(2)** f'dawn il-Gzejjer, nhar it-13 ta' Settembru 1997, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akwistati b'reat (sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta) jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahlu sabiex ibeghuhom jew imexxuhom;
**(3)** Ronald Grima wahdu gie akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin ikkommetta serq ta' basket kontenenti hwejjeg ta' valur ta' aktar minn ghaxar liri izda anqas minn hamsin lira, ghad-dannu ta' nies mhux maghrufa;
**(4)** Ronald Grima kien akkuzat talli huwa kiser il-provediment ta' l-Artikoli 9 u 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 16 ta' Dicembru, 1994 u 11 ta' Jannar, 1996 rispettivament, li bihom huwa kien gie misjub hati ta' reati u lliberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin;
**(5)** Giovanna sive Jane Gatt, kienet akkuzata talli kisret il-provediment ta' l-Artikolu 5 tal-kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta fejn wara li kienet giet misjuba hatja ta' reat u giet moghtija lilha liberta` bil-kundizzjoni li ma

taghmilx reat iehor fil-perjodu ta' tlett snin b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta moghtija fid-19 ta' Settembru 1994 liema sentenza saret definitiva[1]; u

**(6)** kemm Grima kif ukoll Gatt kienu akkuzati li huma recidivi fit-termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mghotija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definitivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' Novembru, 2001 li permezz taghha dik il-Qorti, fil-parti dispozittiva qalet hekk:

"Illi ghalhekk il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputata Giovanna sive Joan Gatt hatja tal-akkuza ta' serq u tilleberaha mill-akkuzi l-ohra kollha, filwaqt li tiddikjara li qed issib lill-imputat Ronald Grima hati tal-akkuzi kollha, salv dik ta' ricettazzjoni minn liema akkuza qed tilliberah."

Kwantu ghal dik li hi piena, dik il-qorti ghamlet ordni ta' *probation* ghall-periodu ta' tlett snin fir-rigward ta' Giovanna sive Joan Gatt, filwaqt li kkundannat lil Ronald Grima ghall-piena ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija[2];

Rat ir-rikors ta' appell ta' Ronald Grima, minnu ppresentat fil-5 ta' Dicembru, 2001, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' l-4 ta' Frar, 2002; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu erba' aggravji, li ser jigu kkunsidrati *seriatim*. L-ewwel aggravju hu fis-sens li ma gewx ippruvati l-akkuzi ta' serq kif dedotti fil-konfront tieghu. L-appellant jibda biex jikkontendi li l-akkuzi jirreferu ghall-jum tat-13 ta' Settembru, 1997, filwaqt li (fir-rigward taz-zewg serqiet imsemmija fl-ewwel imputazzjoni) ix-xhud Vanessa Azzopardi qalet li s-serq tal-*wallet* taghha minn hdejn l-Exiles sehh fis-16 ta' Settembru, mentri Deborah Schembri tghid biss li l-*wallet* taghha insteraq f'gurnata tas-Sibt fl-ahhar tas-sajf tal-1997. Issa, apparti li skond il-Kalendarju Gregorjan il-jum tat-13 ta' Settembru, 1997 <u>kien jum tas-Sibt</u>, din il-Qorti, wara li regghet qrat id-deposizzjoni ta' Vanessa Azzopardi, hi sodisfatta li din ix-xhud <u>kienet zbaljata</u> ghal dak li jirrigwarda d-data. Fi kliem iehor, din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li s-serq taz-zewg *wallets* twettaq proprju fit-13 ta' Settembru, 1997 kif allegat mill-Pulizija. L-appellant jikkontendi wkoll, pero`, li se mai il-provi kienu juru li kienet il-persuna l-ohra (cioe` Gatt) li serqet dawn il-*wallets* u mhux hu. Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa kemm l-istqarrijiet tal-appellant

---

[1] Ghalkemm din il-hames imputazzjoni hi redatta b'mod ferm ingarbuljat mill-Pulizija, jidher li qed tirreferi ghal, u takkuza bi, ksur ta' ordni ta' *probation,* kif jirrizulta mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Settembru, 1994, fol. 68 tal-atti tal-kawza.

[2] Fis-sentenza jinghad "…piena karcerarja ta' tmintax-il xahar". Hu evidenti li tali piena tista' tkun biss wahda ta' prigunerija u mhux ta' detenzjoni.

(fol. 38 u 43 tal-atti) kif ukoll id-deposizzjonijiet tal-imsemmija Azzopardi u Schembri hi tal-fehma li ghandha takkolji dana l-aggravju. Ghalkemm ma hemmx dubbju li l-appellant kien ma' Gatt meta din serqet il-*wallets*, ma hemm xejn x'jindika li dawn is-serqiet saru bi ftehim minn qabel bejn l-imsemmija Gatt u l-appellant. Ghalhekk, l-unika serqa li ghandu jwiegeb ghaliha l-appellant hija dik tal-basket b'xi hwejjeg u oggetti go fih (it-tielet imputazzjoni). L-appellant m'ghandux ragun meta jikkontendi li anke din is-serqa ma tirrizultax minhabba l-fatt li saret a dannu ta' persuna jew persuni mhux maghrufa. Il-basket u l-oggetti ta' gewwa fih ma jidhirx li kienu mormija jew abbandunati; u l-appellant innifsu ammetta li kien seraq dan il-basket. Pero` ma jistax jinghad li l-valur tal-basket u tal-kontenut tieghu kien ta' aktar minn ghaxar liri.

It-tieni aggravju, fis-sens li galadarba m'ghandux jinsab hati ta' serq anqas ma jista' jinsab hati li hu recidiv, huwa, ghar-ragunijiet premessi, infondat.

It-tielet aggravju hu fis-sens li hu ma setax jinsab hati skond ir-raba' imputazzjoni peress li skond il-fedina penali tieghu huwa kien diga wehel sentejn prigunerija ghall-ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 152 maghmula bis-sentenzi tas-16/12/94 u tal-11/01/96. L-appellant hawnhekk ukoll ghandu ragun. B'sentenza ta' din il-Qorti (cioe` tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali) tal-24 ta' Ottubru, 1997[3] fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Neil Harrison) v. Ronnie Grima***, l-appellant kien diga gie trattat ghall-ksur tal-*conditional discharge* (sentenza tas-16/12/94) u tal-ordni ta' *probation* (sentenza tal-11/01/96).

Ir-raba' aggravju tal-appellant huwa dwar il-piena. Ghar-ragunijiet hawn aktar 'l fuq imfissra, huwa evidenti li din il-Qorti ser ikollha timmodifika l-piena erogata mill-ewwel qorti. Ghandu jigi precizat fir-rigward tal-piena li l-appellant mhux jikkontesta s-sitt imputazzjoni *per se*. Effettivament jirrizulta li l-appellant hu recidiv fit-termini tal-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali minhabba sentenza ohra li ggib id-data tal-11 ta' Jannar, 1996[4] u li permezz taghha huwa kien gie kkundannat ihallas multa.

Ghall-motivi premessi, din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

1. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mit-tieni imputazzjoni (ta' ricettazzjoni);
2. tikkonfermaha wkoll in kwantu sabitu hati skond it-tielet imputazzjoni, b'dan, pero`, li l-valur tal-oggett misruq ma kienx jeccedi l-ghaxar liri;
3. tikkonfermaha in kwantu sabitu hati skond is-sitt imputazzjoni;
4. thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati skond l-ewwel imputazzjoni u skond ir-raba' imputazzjoni, kif ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghall-piena ta' tmintax-il xahar

[3] Ara l-fedina penali ezibita a fol. 238 tal-atti.
[4] Ara fol. 54 sa 58 tal-atti, u de-deposizzjoni tas-Supretendent Paul Debattista a fol. 118.

prigunerija, u minflok tikkundannah ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija mill-lum.